**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2017 – Weber-Stephen Products vs EUIPO (iGrill)**

**(Kawża T-822/17)**

(2018/C 063/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Weber-Stephen Products LLC (Palatine, Illinois, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Niebel u A. Jauch, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "iGrill" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 456 726

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 579/2017-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Interpretazzjoni żbaljata tar-rekwiżiti legali tal-Artikoli 7(1)(b), 7 (1)(c) u 7(2) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2017 – H2O Plus vs EUIPO (H 2 O+)**

**(Kawża T-824/17)**

(2018/C 063/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* H2O Plus LLC (San Francisco, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Niebel u F. Kerl, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark figurattiva li tindika l-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali "H 2 O+" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru W 1 313 244

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Ottubru 2017 fil-Każ R 499/2017-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;